L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

# Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi: kejl tal-progress fl-UE sa mill-2005

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda ta' kejl unika li tissintetizza l-kumplessità tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'kejl faċli għall-utent u faċli biex jinftiehem. Ibbażat fuq il-qafas ta' politika tal-Unjoni Ewropea, jassisti l-monitoraġġ tal-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi maż-żmien madwar l-UE.

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi jikkonsisti f'sitt oqsma prinċipali (ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa) u żewġ oqsma satellitari (l-inugwaljanzi intersezzjonali u l-vjolenza). Jiġi kkalkulat billi jiġu kkumbinati l-indikaturi tas-sess f'kejl uniku fil-qosor. L-indiċi jassenja punti għall-Istati Membri bejn 1 għal inugwaljanza totali għal 100 għal ugwaljanza sħiħa. Ma jkejjilx biss id-disparità bejn is-sessi bejn in-nisa u l-irġiel, iżda jqis ukoll il-kuntest tal-pajjiż u l-livelli differenti ta' suċċess tal-Istati Membri f'oqsma differenti. Punteġġ globali għoli jirrifletti kemm disparità żgħira bejn is-sessi (jew assenti) kif ukoll sitwazzjoni tajba għal kulħadd (eż. involviment għoli kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel fix-xogħol).

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2015 ikejjel kemm kienu 'l bogħod (jew viċin) l-UE u l-Istati Membri tagħha milli jiksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-2005, l-2010 u l-2012 [1]. Jagħti riżultati għal kull qasam u subqasam. Jippreżenta wkoll l-ewwel tentattiv biex jikkalkola kejl kompost għall-vjolenza fuq in-nisa.

## Progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi sa mill-2005

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi juri xi progress marġinali, b'żieda żgħira ta' 1.6 bejn l-2005 u l-2012. B'punteġġ medju ta' **52.9 minn 100** fl-2012, l-UE tinsab nofs triq biex tikseb ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi.

Iż-żewġ oqsma li jaffaċċjaw l-ikbar sfidi huma d-diviżjoni inugwali tal-ħin għall-attivitajiet tal-kura tat-tfal, domestiċi u ta' divertiment bejn in-nisa u l-irġiel (l-inugwaljanza żdiedet sa mill-2005) kif ukoll ir-rappreżentanza tan-nisa fil-poter u f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Għalkemm inħatru iktar nisa f'pożizzjonijiet tal-ogħla livell sa mill-2005, il-progress ma kienx biżżejjed biex jegħleb ir-rappreżentanza żejda vasta tal-irġiel.

Minkejja l-progress fir-riżultati edukattivi, is-segregazzjoni fl-edukazzjoni tibqa' mifruxa u kien hemm tnaqqis fit-tagħlim tul il-ħajja. Il-punteġġ globali fil-qasam tal-għarfien naqas bejn l-2005 u l-2012. L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma tax-xogħol u l-flus turi sinjali ta' titjib, għalkemm id-disparità bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol, fid-dħul u fil-qligħ tibqa'. Id-disparità bejn is-sessi medja ta' 38 % f'pensjonijiet fl-UE fl-2012 tirrifletti effett kumulattiv ta' inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel tul il-ħajja [2]. Il-punteġġ tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tas-saħħa huwa għoli. Fil-futur jistgħu jiżdiedu differenzi importanti f'imġibiet relatati mas-saħħa tan-nisa u l-irġiel biex jipprovdu iktar informazzjoni dwar l-inguwaljanzi bejn is-sessi fis-saħħa.

### L-INDIĊI TAL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI




↑ Żieda fil-punteġġi mill-2005 għall-2012 ↓ Nuqqas fil-punteġġi mill-2005 għall-2012

(1) L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa bbażat fuq id-data tal-Eurostat (l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE, l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-qligħ, l-istatistiċi tal-UE dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-istatistiċi demografiċi), ta' kwestjonarji tal-Unesco/OECD/Eurostat dwar statistiċi edukattivi, tal-istħarriġ dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol Ewropej tal-Eurofound, tad-database WMID tal-Kummissjoni Ewropea u tal-istħarriġ dwar il-vjolenza fuq in-nisa tal-FRA.

(2) EIGE (2015), *Disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet fl-UE. Nota ta' riċerka lill-Presidenza Latvjana.* Miksuba minn http://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/MH0415087ENN_Web.pdf

# Xogħol

### Il-qasam tax-xogħol




### Suboqsma

Parteċipazzjoni




Is-segregazzjoni u l-kwalità tax-xogħol




Il-punteġġi fil-qasam tax-xogħol u s-suboqsma tiegħu żdiedu biss b'mod marġinali sa mill-2005. Id-disparità bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol, imkejla bl-ekwivalenti għar-rati ta' impjiegi full time (FTE), naqset bi ftit fil-livell tal-UE, prinċipalment xprunata minn livelli mnaqqsa ta' parteċipazzjoni tal-irġiel fis-suq tax-xogħol.

Ir-rata tal-impjiegi ġenerali tan-nisa (62 % fl-2012) xorta għadha ferm iktar baxxa mill-mira tal-Ewropa 2020 li timmira li jkollha 75 % tal-popolazzjoni adulta (li għandha bejn 20-64) f'impjieg. Il-propensità tan-nisa għax-xogħol fuq bażi part-time tagħmel il-mira iktar u iktar diffiċli biex tintlaħaq meta r-rata ta' impjiegi tgħodd in-numru ta' sigħat maħduma, milli n-numru ta' persuni b'impjieg.

Is-subqasam tas-segregazzjoni u l-kwalità tax-xogħol juri xi ftit tal-progress miksub prinċipalment bit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-abbiltà tal-ħaddiema li jieħdu siegħa jew tnejn ħin liberu waqt il-ħin tax-xogħol kważi rduppjat (minn 18 % fl-2005 għal 33 % fl-2012) u d-disparità bejn is-sessi naqset. Madankollu, is-suq tax-xogħol issegregat skont is-sessi jibqa' realtà kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fl-Ewropa llum il-ġurnata. Fl-2012, bħala medja, kważi erba' darbiet iktar nisa mill-irġiel (30 % imqabbla ma' 8 %) kienu jaħdmu fl-edukazzjoni, fil-qasam tas-saħħa tal-bniedem u f'attivitajiet ta' ħidma soċjali fl-UE.

# Flus

### Il-qasam tax-xogħol




### Suboqsma

Ir-riżorsi finanzjarji




Is-sitwazzjoni ekonomika




Il-punteġġi fil-qasam tal-flus żdiedu b'3.7 punti mill-2005 sal-2012. Il-progress f'dan il-qasam huwa prinċipalment iggwidat mit-titjib globali fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel (b'5.8 punti), għalkemm id-disparità bejn is-sessi tibqa' sinifikanti u ma tantx inbidlet.

Għalkemm il-punteġġi huma xi ftit ogħla minn dawk f'oqsma oħra, in-nisa madwar l-UE jaffaċċjaw sfidi ikbar biex jaċċessaw riżorsi finanzjarji. In-nisa jaqilgħu inqas mill-irġiel u għandhom inqas dħul, inkluż il-pensjonijiet. Il-progress fit-tnaqqis tad-disparitajiet bejn is-sessi fil-qligħ u d-dħul kien partikolarment bil-mod.

Dan il-qasam jimmira li jaħkem l-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn in-nisa u l-irġiel. Din tibqa' sfida peress li l-indikaturi tad-dħul u tal-povertà jiġu kkalkulati fil-livell domestiku: is-sitwazzjoni ekonomika tan-nisa u l-irġiel fl-istess dar hija maħsuba li tkun l-istess u minħabba f'hekk, id-differenzi bejn is-sessi fil-livelli tal-povertà u d-dħul domestiku bilkemm jidhru. Għalhekk, il-kejl tad-disponibbiltà tar-riżorsi fil-livell individwali jipprovdi informazzjoni iktar sensittiva għas-sessi u juri sitwazzjoni iktar realistika ta' kondiviżjoni tad-dħul bejn il-membri tal-familja.

## Għarfien

### Il-qasam tal-għarfien




### Suboqsma

Riżultati u Segregazzjoni




It-tagħlim tul il-ħajja




It-tnaqqis fil-punteġġ globali fil-qasam tal-għarfien (bi 3 punti) huwa r-riżultat tat-tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-adulti (età 15-74) fit-tagħlim tul il-ħajja — edukazzjoni u taħriġ kemm formali kif ukoll mhux formali.

Il-livell edukattiv tan-nisa u l-irġiel qed jiżdied b'mod stabbli u l-ammont ta' nisa qed jaqbeż dak tal-irġiel fil-livell gradwatorju. Madankollu, in-nisa xorta għadhom ikkonċentrati f'oqsma ta' studju tradizzjonalment meqjusa bħala "tan-nisa". Fl-2012, in-nisa fl-UE-28 kienu rrappreżentati żżejjed fost l-istudenti terzjarji fl-oqsma tal-edukazzjoni (77 %), is-saħħa u l-benesseri (73 %) u l-umanitajiet u l-arti (65 %). Is-segregazzjoni tas-sessi fil-livelli kollha fl-edukazzjoni twassal għal segregazzjoni fix-xogħol u sussegwentament tħalli impatt fuq l-għażliet tal-karrieri futuri kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel.

Fil-kuntest ta' bidla u trasformazzjoni teknoloġika mgħaġġla tas-suq tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja huwa qasam ta' importanza kruċjali kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri huma 'l bogħod milli jiksbu l-mira ta' 15 % għall-adulti li għandhom bejn il-25 u l-64 sena biex ikunu involuti fit-tagħlim tul il-ħajja, kif stabbilit fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020).

## Ħin

### Il-qasam tal-ħin




### Suboqsma

Kura




Soċjali




Il-qasam tal-ħin għandu l-inqas punteġġ mill-oqsma tal-indiċi kollha (37.6) u juri l-ikbar sfida, li hija d-diviżjoni tal-ħin bejn in-nisa u l-irġiel. It-tnaqqis ta' 3.9 mill-2005 għall-2010 prinċipalment kien ikkawżat minn tnaqqis fil-ħin li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel kienu kapaċi jiddedikaw għall-attivitajiet soċjali.

Bħala medja fl-UE, 77 % tan-nisa, meta mqabbla ma' 24 % biss tal-irġiel, isajru u jagħmlu x-xogħol tad-dar kuljum għal mill-inqas siegħa jew iktar. In-nisa jkomplu jieħdu r-responsabbiltà wisq ikbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura tal-familja. L-inugwaljanza fid-diviżjoni tal-ħin id-dar testendi wkoll għal attivitajiet soċjali oħra. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-irġiel huma iktar probabbli minn nisa li jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, kulturali jew ta' divertiment barra mid-dar.

Il-ħin personali mqatta' f'responsabbiltajiet ta' kura għandu impatt kbir fuq l-opportunitajiet ta' xogħol ta' mara u fuq l-indipendenza ekonomika. Ir-riżultati jaffermaw mill-ġdid l-importanza ta' miżuri aħjar ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħal provvista adegwata ta' servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal u għal dipendenti oħrajn u arranġamenti ta' xogħol flessibbli.

## Poter

### Il-qasam tal-poter




### Suboqsma

Politiku




Ekonomiku




Il-qasam tal-poter juri t-tieni l-inqas punteġġ, minkejja l-iktar tnaqqis evidenti fil-punteġġ bi 8.3 punti sa mill-2005.

Ir-riżultati juru progress notevoli fir-rappreżentazzjoni tan-nisa f'bordijiet korporattivi ta' kumpaniji elenkati pubblikament. Madankollu, fis-settur finanzjarju, in-nisa huma kważi assenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Fl-2014, gvernatur wieħed biss mit-28 gvernatur tal-banek ċentrali kienet mara — minn Ċipru; u fl-istess sena, kien hemm żewġ nisa biss ministri finanzjarji fl-UE — mir-Rumanija u l-Iżvezja.

Tul dawn l-aħħar snin, il-miżuri applikati mill-Istati Membri u inizjattivi mfassla fil-livell tal-UE — bħad-direttiva proposta dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi tal-bordijiet mhux eżekuttivi — ikkontribwew għal titjib notevoli fl-aċċess tan-nisa għal karigi ta' tmexxija fis-settur korporattiv. Madankollu, huma meħtieġa sensibilizzazzjoni u dibattiti pubbliċi usa' biex tinbidel il-kultura korporattiva. Sigħat twal ta' xogħol u l-preżenza fiżika fuq ix-xogħol, flimkien ma' stili ta' tmexxija tradizzjonali maskili u nuqqas ta' trasparenza fil-prattiki tar-reklutaġġ u l-promozzjoni, jagħtu vantaġġ lill-irġiel u jinfurzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi.

## Saħħa

### Il-qasam tas-saħħa




### Suboqsma

Status




Aċċess




Il-qasam tas-saħħa huwa qasam importanti tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Is-saħħa hija relatata direttament mhux biss mal-benesseri personali, soċjali u ekonomiku, iżda wkoll mad-dinjità umana u mal-integrità fiżika. Il-punteġġ fil-qasam tas-saħħa ogħla kemm kemm bi 2.2 punti sa mill-2005, b'riżultat ta' avvanz żgħir fl-istatus tas-saħħa u b'mod iktar estensiv, grazzi għal aċċess imtejjeb għall-istrutturi tas-saħħa. Dan huwa rifless f'numru miżjud ta' persuni li l-bżonnijiet mediċi u dentali tagħhom qed jiġu ssodisfati.

Minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' indikaturi adattati, il-qafas ta' kejl attwali ma jinkludix differenzi fl-imġiba li għandha x'taqsam mas-saħħa tan-nisa u l-irġiel. L-imġiba u l-istili ta' ħajja tan-nisa u l-irġiel ivarjaw skont il-karatteristiċi definiti minn qabel tal-maskulinità u l-femminilità; għalhekk, huwa importanti ħafna li wieħed jifhem id-differenzi fl-imġiba li għandhom x'jaqsmu mas-sessi ta' wara l-inugwaljanzi fis-saħħa.

L-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS), imwettaq fl-2014, sejjer jipprovdi data importanti dwar id-determinanti tas-saħħa, li sejra tkun ikkunsidrata għall-edizzjoni li jmiss tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

# L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2015: oqsma satellitari

## Vjolenza

Il-qasam tal-vjolenza ġie identifikat bħala l-ikbar disparità fost l-oqsma kollha fl-2013 minħabba nuqqas ta' data komparabbli u armonizzata fil-livell tal-UE. Filwaqt li jibni fuq l-istħarriġ tal-vjolenza fuq in-nisa tal-FRA u d-data tal-Eurobarometer, l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2015 jipproponi kejl kompost possibbli tal-vjolenza fuq in-nisa. Janalizza wkoll l-attitudnijiet lejn il-vjolenza fuq in-nisa u l-livelli ta' għarfien, kif ukoll il-fiduċja fil-pulizija u fl-istituzzjonijiet tal-ġustizzja f'soċjetà partikolari. L-analiżi turi li f'pajjiżi fejn il-livelli tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma ogħla, kif imkejla bl-indiċi, il-vjolenza fuq in-nisa tidher bħala inqas aċċettabbli u n-nisa huma iktar probabbli li jirrappurtaw il-vjolenza. Il-livelli iktar baxxi ta' vjolenza rrappurtata mhux bilfors jirriflettu livelli iktar baxxi ta' vjolenza, iżda pjuttost ifissru li l-attitudnijiet lejn il-vjolenza fuq in-nisa, l-għarfien dwarha u l-fiduċja fil-pulizija u fl-istituzzjonijiet tal-ġustizzja jipprevjenu l-iżvelar.

L-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex tinqered il-vjolenza fuq in-nisa għandu jiġi appoġġjat bl-evidenza fil-forma ta' data sistematika, komparabbli u armonizzata. L-EIGE jkompli jiżviluppa qafas ta' kejl komprensiv tal-vjolenza fuq in-nisa, billi jgħaqqad data minn stħarriġ u sorsi amministrattivi.

## Inugwaljanzi intersezzjonali

Il-qasam ta' inugwaljanzi intersezzjonali jikkunsidra kif il-ġeneru jidħol f'aspetti oħrajn li jistgħu jinfluwenzaw l-esperjenzi tal-ħajja tan-nisa u l-irġiel. Pereżempju, id-disparitajiet bejn is-sessi fl-impjiegi huma ikbar għall-ħaddiema mwielda f'pajjiżi barranin milli għaċ-ċittadini ta' tali pajjiż, u dan juri l-bżonn għal iktar analiżi tal-mudelli tipikament tal-irġiel jew tan-nisa tal-migrazzjoni. Dan isir partikolarment rilevanti fil-kuntest tax-xejriet tar-refuġjati li l-UE qed taffaċċja llum. Il-ħaddiema ikbar fl-età huma vulnerabbli wkoll u jesperjenzaw kemm inqas aċċess għall-impjiegi kif ukoll livelli ogħla ta' inugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri kollha. Il-fehim tal-fatturi involuti fir-rabta bejn id-diskriminazzjoni bejn is-sessi u dik abbażi tal-età huwa kruċjali, speċjalment meta jiġi indirizzat il-faqar fost in-nisa ikbar fl-età. F'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, b'mod predominanti b'omm waħedha, il-livelli tal-faqar huma ogħla minn dawk tal-popolazzjoni inġenerali, u dan juri li l-indirizzar tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali jeħtieġ li jinkorpora dimensjoni tas-sessi.

Huwa imperattiv li jiġu diskussi u jiġu analizzati iktar il-modi li bihom l-inugwaljanzi jinkroċjaw lil xulxin, b'rikonoxximent sħiħ li n-nisa u l-irġiel mhumiex gruppi omoġeni. L-aġġornament li jmiss tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi sejjer jiffoka fuq dan iktar fid-dettall.

# L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2015

Għall-ewwel darba fl-Unjoni Ewropea, l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi bena serje ta' żmien biex jissorvelja l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq perjodu stabbilit. Ir-riżultati juru li l-Unjoni Ewropea tinsab **nofs triq lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi,** bi progress marġinali ħafna bejn l-2005 u l-2012.




## Karatteristiċi u benefiċċji uniċi tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi:

- jippermetti l-monitoraġġ tal-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi madwar l-UE u maż-żmien;
- jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jivvalutaw kemm Stat Membru partikolari jonqsu biex jilħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- juri r-riżultati differenti tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali għan-nisa u l-irġiel;
- jippermetti analiżi tas-sessi li tagħmel sens u tqabbil bejn oqsma ta' politika differenti;
- jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
- iżid l-għarfien fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku dwar il-progress u l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
- jenfasizza d-diskrepanzi tad-data u jitlob għal data armonizzata, komparabbli u affidabbli li tkun kemm diżaggregata skont is-sess kif ukoll disponibbli għall-Istati Membri kollha.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE. L-EIGE jappoġġja lil min ifassal il-politika u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdilhom tagħrif espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Ewropa.

**Għal aktar tagħrif:**

http://eige.europa.eu
http://www.twitter.com/eurogender
http://www.facebook.com/eige.europa.eu
http://www.youtube.com/eurogender
http://eurogender.eige.europa.eu

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)
Gedimino pr. 16 LT-01103
Vilnius
LITHUANIA
Tel. +370 52157444
E-mail: eige.sec@eige.europa.eu



| | | | |
|---|---|---|---|
| PDF | MH-01-16-023-MT-N | 10.2839/204709 | 978-92-9218-888-7 |
| Paper | MH-01-16-023-MT-C | 10.2839/69733 | 978-92-9218-890-0 |